A.L. 54 ta' l-2003

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l- 2003 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil. - ippubblikati bħala Avviż Legali 31 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. (1) Ir-regolament 3 għandu japplika mill-1 t'Ottubru 2002 'il quddiem.

(2) Ir-regolamenti 4 u 5 għandhom japplikaw mis-7 ta' Ġunju 2002 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kumitat għandu jikkonsidra applikazzjonijiet għall-M.Phil. minn kandidati li għandhom grad tajjeb bl-Unuri (normalment mhux inqas

mit-Tieni Klassi (Taqsima Superjuri)) minn din l-Universita' jew universita' oħra jew kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat."

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Teżi għall-Ph.D. m'għandhiex tkun ikkunsidrata jekk tiġi sottomessa aktar tard mill-perijodu massimu permess fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jekk mhux f'ċirkostanzi speċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u tal-Kumitat, is-Senat jagħti lill-istudenti estensjoni tal-perijodu ta' studju wara l-perijodu massimu."

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) L-istudji għall-grad ta' M.Phil. għandhom jestendu fuq dawn il-perijodi:

(a) mhux anqas minn ħmistax-il xahar u mhux aktar minn tlettt snin fil-każ ta' studji fuq bażi *full-time*;

(b) mhux anqas minn tletin xahar u mhux aktar minn ħames snin fil-każ ta' studji fuq bażi *part-time*.

(2) Dissertazzjoni għall-M.Phil. m'għandhiex tkun ikkunsidrata jekk tiġi sottomessa aktar tard mill-perijodu massimu permess fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jekk mhux f'ċirkostanzi speċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u tal-Kumitat, is-Senat jagħti lill-istudenti estensjoni tal-perijodu ta' studju wara l-perijodu massimu."